



TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

GĦAR-RAPPORT SPEĊJALI TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

Għodod li jiffaċilitaw l-ivvjaġġar fl-UE matul il-
pandemija tal-COVID-19

Inizjattivi rilevanti b'impatt li jvarja minn suċċess għal użu
limitat

Werrej

I. IT-TWEĠIBIET FIL-QOSOR TAL-KUMMISSJONI	2
II. IT-TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦALL-OSSERVAZZJONIJIET PRINĊIPALI TAL-QEA.....	3
1. L-iżvilupp tal-gateway għat-traċċar tal-kuntatti	3
2. L-użu tal-għodod tal-formola tal-UE għal-lokalizzazzjoni tal-passiġġieri u l-portal għat-traċċar tal-kuntatti.....	4
3. L-iżvilupp ta' mekkaniżmu ta' revoka għaċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE.....	4
4. Kontrolli tas-sigurtà u ċertifikati frawdolenti.....	5
5. Iċ-ċertifikat COVID Diġitali tal-UE bħala standard internazzjonali u faċilitatur tal-ivvjaġġar...6	
III. IT-TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦAR-RAKKOMANDEZZJONIJIET TAL-QEA.....	6
1. Rakkomandazzjoni 1 – Indirizzar tar-raġunijiet għall-użu baxx tal-formoli diġitali tal-UE għal-lokalizzazzjoni tal-passiġġieri.....	6
2. Rakkomandazzjoni 2 – Simplifikazzjoni tal-komunikazzjoni dwar inċidenti marbuta maċ-Ċertifikat diġitali tal-UE	6
3. Rakkomandazzjoni 3 – Tnejnija tal-għodod rilevanti tal-UE għal kriżijiet futuri.....	7

Dan id-dokument jippreżenta t-tweġibiet tal-Kummissjoni Ewropea għall-osservazzjonijiet ta' Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, f'konformità mal-Artikolu 259 tar-Regolament Finanzjarju u li għandhom jiġu ppubblikati flimkien mar-Rapport Speċjali.

I. IT-TWEGĠIBIET FIL-QOSOR TAL-KUMMISSJONI

Biex tiffaċilita l-moviment liberu fl-UE u tipproteġi s-saħħa pubblika matul il-pandemija tal-COVID-19, il-Kummissjoni, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, żviluppat firxa ta' għodod diġitali. Dawn l-għodod kienu jinkludu ċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE¹, gateway li kkonnettjat l-applikazzjonijiet nazzjonali għat-traċċar tal-kuntatti madwar l-UE, u sforzi biex jiġi promoss approċċ armonizzat għall-formoli tal-lokalizzazzjoni tal-passiġġieri (PLFs).

Iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE huwa qafas komuni għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati interoperabbli għall-vaċċinazzjoni, għall-ittestjar jew għall-fejqa mill-COVID-19. Iċ-ċertifikati COVID Diġitali tal-UE huma aċċettati fl-Istati Membri kollha, u dan jagħmilha aktar faċli għaċ-ċittadini tal-UE biex jivvjaġġaw matul il-pandemija. Żviluppata f'kooperazzjoni mill-qrib mal-esperti tal-Istati Membri rappreżentati fin-Network tas-Saħħa elettronika u fil-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa², il-Kummissjoni tat attenzjoni partikolari biex tiżgura li ċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE jirrifletti l-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-UE, bħan-nondiskriminazzjoni, il-protezzjoni tad-data personali, il-privatezza, is-sigurtà u l-ftuħ.

Iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE kien element kruċjali fir-rispons tal-Ewropa għall-pandemija tal-COVID-19. Sa Settembru 2022, inħarġu aktar minn 2 biljun ċertifikat fl-UE/fiż-ŻEE biss. Is-suċċess tagħha serva wkoll biex jaċċellera d-diġitalizzazzjoni tal-kura tas-saħħa madwar l-Istati Membri. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri qed jirriflettu kif l-infrastruttura teknika li tinfed iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE tista' potenzjalment tintuża għal każijiet oħra ta' użu fil-futur. Iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE attira wkoll interess konsiderevoli minn pajjiżi barra mill-UE. Minn Ottubru 2022, 49 pajjiż terz u territorju f'ħames kontinenti ngħaqdu mas-sistema³, wara li s-sistemi tagħhom kienu tqiesu ekwivalenti għall-qafas taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE⁴.

Il-qafas taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE ħa ispirazzjoni mill-ħidma mwettqa biex tiġi żviluppata l-gateway għat-traċċar tal-kuntatti. Il-ħidma fuq soluzzjonijiet ġodda għat-traċċar tal-kuntatti diġitali kienet diġà bdiet f'April 2020, li laħqet il-qofol tagħha fis-sett ta' għodod komuni tal-UE għall-Istati Membri dwar l-applikazzjonijiet mobbli biex jappoġġaw it-traċċar tal-kuntatti fil-ġlieda kontra l-COVID-19⁵. F'Settembru 2020, il-Kummissjoni varat gateway għat-traċċar tal-kuntatti, u l-ewwel pajjiżi bdew jikkonnettjaw l-applikazzjonijiet nazzjonali tagħhom għat-traċċar tal-kuntatti ma' dan il-

¹ Ir-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2021 dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqa (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu waqt il-pandemija tal-COVID-19. Disponibbli hawnhekk: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX%3A32021R0953>

² https://health.ec.europa.eu/health-security-and-infectious-diseases/preparedness-and-response/health-security-committee-hsc_en

³ Il-lista sħiħa tinsab hawn: https://ec.europa.eu/info/live-work-travel-eu/coronavirus-response/safe-covid-19-vaccines-europeans/eu-digital-covid-certificate_en#recognition-by-the-eu-of-covid-certificates-issued-by-third-non-eu-countries

⁴ Kif previst fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2021/953. L-lvizzera hija konnessa mas-sistema bis-saħħa ta' deċiżjoni adottata abbażi tal-Artikolu 3(10) tar-Regolament (UE) 2021/953. L-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja huma konnessi direttament bħala riżultat tal-inkorporazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/953 fil-Ftehim ŻEE.

⁵ https://health.ec.europa.eu/system/files/2020-04/covid-19_apps_en_0.pdf

portal f'Ottubru 2020, biex b'hekk l-utenti setgħu jivvjaġġaw barra mill-pajjiż bl-użu tal-applikazzjoni nazzjonali tagħhom għat-traċċar tal-kuntatti, u b'hekk appoġġaw it-traċċar transfruntier tal-kuntatti.

Il-gateway għat-traċċar tal-kuntatti laħqet il-quċċata tagħha f'Marzu 2022, meta ttellgħu madwar 700 000 key f'jum wieħed.

Minbarra t-tnedija b'suċċess taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, it-traċċar tal-kuntatti permezz tal-PLFs kien element ċentrali fil-ġlieda kontra s-SARS-CoV-2. Il-Kummissjoni ppromwoviet approċċ armonizzat għall-PLFs b'żewġ modi. Appoġġjat il-ħidma tal-EU Healthy Gateways biex jiġu żviluppati mudell u applikazzjoni komuni tal-PLF – id-dPLF tal-UE⁶ – biex jiġi ffaċilitat l-użu ta' PLF diġitali simili madwar l-UE⁷. B'mod parallel, hija żviluppat pjattaforma ta' skambju tal-PLF biex tippermetti l-iskambju rapidu u awtomatiku tad-data tal-passiġġieri fost l-Istati Membri parteċipanti. Għalhekk, mill-1 ta' Ġunju 2021, l-Istati Membri setgħu jikkonnettjaw ma' din il-pjattaforma u jiskambjaw data dwar il-passiġġieri mill-modi kollha tat-trasport li għalihom ġabru l-PLFs.

II. IT-TWEGĪBIET TAL-KUMMISSJONI GĦALL-OSSERVAZZJONIJIET PRINĊIPALI TAL-QEA

1. L-iżvilupp tal-gateway għat-traċċar tal-kuntatti

Għall-portal għat-traċċar tal-kuntatti, il-Kummissjoni wettqet konsultazzjonijiet dettaljati mal-Istati Membri⁸. Dan wassal biex l-eHealth Network tadotta sett ta' għodod komuni tal-UE għall-Istati Membri dwar l-applikazzjonijiet mobbli biex jappoġġaw it-traċċar tal-kuntatti fil-ġlieda tal-UE kontra l-COVID-19⁹, linji gwida tal-interoperabilità¹⁰, speċifikazzjonijiet tal-applikazzjonijiet għat-traċċar tal-kuntatti¹¹ u l-gateway għat-traċċar tal-kuntatti¹².

Madankollu, l-istrateġiji nazzjonali għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19 varjaw fost l-Istati Membri u mhux kollha ddeċidew li jimplimentaw applikazzjonijiet għat-traċċar tal-kuntatti. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri appoġġaw l-introduzzjoni ta' applikazzjonijiet għat-traċċar tal-kuntatti li kienu interoperabbli bejn il-fruntieri, b' 19-il pajjiż minn 22 li eventwalment jiġu konnessi mal-gateway għat-traċċar tal-kuntatti. Dawk li għażlu teknoloġiji li ma kinux kompatibbli mal-portal għat-traċċar tal-kuntatti kienu jiddependu fuq is-sett ta' għodod komuni tal-UE u kienu involuti mill-qrib fil-kooperazzjoni tal-UE f'dan il-qasam.

⁶ Formola diġitali tal-Unjoni Ewropea għal-Lokalizzazzjoni tal-Passiġġieri.

⁷ Aċċessibbli hawnhekk: <https://app.euplf.eu/>

⁸ Il-paragrafi 28–29, il-Figura 3, ir-Rapport Speċjali Nru XX/2022 tal-QEA.

⁹ https://health.ec.europa.eu/system/files/2020-04/covid-19_apps_en_0.pdf

¹⁰ https://health.ec.europa.eu/system/files/2020-05/contacttracing_mobileapps_guidelines_en_2.pdf

¹¹ https://health.ec.europa.eu/publications/ehealth-network-guidelines-eu-member-states-and-european-commission-interoperability-specifications_en

¹² https://health.ec.europa.eu/publications/technical-specifications-interoperability-contact-tracing-apps-ehealth-network-guidelines-eu-member_en

2. L-użu tal-għodod tal-formola tal-UE għal-lokalizzazzjoni tal-passiġġieri u l-portal għat-traċċar tal-kuntatti

Is-suċċess tal-applikazzjonijiet għat-traċċar tal-kuntatti u, bħala konsegwenza, tal-gateway għat-traċċar tal-kuntatti, fil-biċċa l-kbira kien jiddependi fuq l-adozzjoni tagħhom mill-pubbliku usa'. Filwaqt li l-volum tat-tniżżil ma kienx uniformi madwar l-Istati Membri, l-applikazzjonijiet għat-traċċar tal-kuntatti tniżżlu volontarjament aktar minn 74 miljun darba (minn Ottubru 2021), u qabżu, mill-inqas, 14-il pajjiż l-ekwivalenti ta' 15 % tal-popolazzjoni tagħhom. Minħabba l-istandards għoljin għall-protezzjoni tad-data u s-sigurtà tal-applikazzjonijiet għat-traċċar tal-kuntatti, il-monitoraġġ tal-użu reali mill-utenti huwa limitat ħafna. Madankollu, is-sejbiet preliminari ta' studju indipendenti dwar it-tagħlimiet meħuda, l-aħjar prattiki u l-impatt epidemjoloġiku tal-approċċ Ewropew komuni dwar it-traċċar tal-kuntatti diġitali jissuġġerixxu li l-għadd totali ta' downloads sa Lulju 2022 fil-pajjiżi tal-UE/taż-ŻEE kien ta' kważi 170 miljun. L-adozzjoni tal-applikazzjonijiet kienet tiddependi ħafna wkoll fuq il-kampanji promozzjonali ġestiti mill-Istati Membri flimkien ma' miżuri mhux farmaċewtiċi oħra (eż. iż-żamma tad-distanza, l-ilbies tal-maskri, l-iġjene tal-idejn, eċċ.) iċ-ċittadini ntabu jieħdu biex inaqqsu r-ritmu tat-tixrid tal-COVID-19).

Ladarba tintemm il-pandemija, jekk tinqala' l-ħtieġa li l-gateway għat-traċċar tal-kuntatti terġa' tintuża, jista' jerġa' jintuża l-istess strument legali li ntuża għall-iskjerament oriġinali tiegħu¹³. Fil-kuntest tal-pakkett tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa¹⁴, il-Kummissjoni estendiet il-mandat taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) biex jinkludi għodod awtomatizzati għat-traċċar tal-kuntatti¹⁵ li se jagħtu lill-ECDC il-possibiltà li jiżviluppa u juża, kif meħtieġ, għodod ġodda għat-traċċar tal-kuntatti diġitali transfruntiera.

Huwa importanti li jiġi enfasizzat li l-Istati Membri ma kellhom l-ebda obbligu legali li jiġbru l-PLFs. L-użu ta' għodod bħal dawn jibqa' volontarju. Barra minn hekk, l-Istati Membri kollha li esprimew interess li jingħaqdu mal-pjattaforma ta' skambju tal-PLF setgħu jagħmlu dan.

3. L-iżvilupp ta' mekkaniżmu ta' revoka għaċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE

Biex tiġi ssalvagwardjata s-saħħa pubblika, jista' jkun hemm il-ħtieġa li ċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE¹⁶ jiġi revokati jekk ikunu nħarġu bi żball, bħala riżultat ta' frodi jew wara s-sospensjoni ta' lott difettuż ta' vaċċin kontra l-COVID-19. Ir-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE jipprevedi li l-qafas ta' fiduċja tiegħu diġà jappoġġa l-iskambju bilaterali tal-listi taċ-ċertifikati revokati li huma listi li jinkludu l-identifikaturi uniċi taċ-ċertifikati revokati¹⁷. Għalhekk, l-Istati Membri setgħu jinvalidaw malajr iċ-ċertifikati maħruġa b'mod frawdolenti billi jużaw il-funzjonalità tar-Regoli tan-Negożju tas-sistema, jiġifieri, sett ta' regoli li huwa inkorporat fis-software ta' verifika.

Ir-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE għażlu uffiċjalment b'mod ċar l-identifikatur uniku bħala parti mis-sett tad-data taċ-ċertifikat li għandu jintuża għal finijiet ta' revoka. Il-

¹³ L-att ta' Implimentazzjoni tal-Artikolu 14 (in-Netwerk tas-Saħħa elettronika) tad-Direttiva dwar il-Kura tas-Saħħa Transkonfinali (2011/24/UE).

¹⁴ https://ec.europa.eu/info/strategy/priorities-2019-2024/promoting-our-european-way-life/european-health-union_en

¹⁵ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX%3A52020PC0726>

¹⁶ Ara l-paragrafi 44 sa 46, tar-Rapport Speċjali Nru XX/22 tal-QEA.

¹⁷ L-Artikolu 4(2) tar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE.

Kummissjoni u l-Istati Membri ddeċidew li jistudjaw il-possibbiltà li jiffaċilitaw aktar l-iskambju awtomatiku transfruntier tal-listi ta' revoka taċ-ċertifikati permezz tal-Gateway ċentrali taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE. Dan ipprova soluzzjoni flessibbli, li tat lill-Istati Membri l-possibbiltà li jagħżlu l-approċċ teknoloġiku li jissodisfa l-ħtiġijiet tagħhom aħjar.

Il-modalitajiet ta' dan il-proċess ta' revoka huma stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2022/483 tat-22 ta' Marzu 2022¹⁸. Hemm żewġ partijiet għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-mekkaniżmu ta' revoka: parti minnhom tappartjeni għall-Gateway taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, u hija vinkolanti fl-applikazzjoni tiegħu. Il-parti l-oħra hija relatata ma' kif l-Istati Membri jqassmu l-listi ta' revoka mill-infrastruttura nazzjonali tagħhom lill-applikazzjonijiet tal-verifikatur, u mhijiex vinkolanti. Għal dawn tal-aħħar, l-Istati Membri huma liberi li jagħżlu fost firxa ta' għażliet, li kollha jqisu t-ħassib dwar il-privatezza.

4. Kontrolli tas-sigurtà u ċertifikati frawdolenti

Fir-rigward tas-sigurtà tas-sistema taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE¹⁹, il-Kummissjoni, bħala l-operatur tal-Gateway taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, hija responsabbli biex tiżgura sigurtà tal-ogħla livell biex tiproteġi s-sistema minn riskji, vulnerabbiltajiet u atturi malizzjużi. Jiġi applikat proċess ta' "onboarding" għall-pajjiżi parteċipanti kollha. Il-Kummissjoni tivverifika b'mod rigoruż il-konformità tal-pajjiżi parteċipanti mar-rekwiżiti tas-sigurtà għall-onboarding mal-Gateway taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE qabel ma tikkonnettja mal-pajjiż ikkonċernat. Tali ttestjar jitwettaq biex jiġi vverifikat li l-miżuri ta' sigurtà kollha meħtieġa għall-konnessjoni sikura jkun fis-seħħ.

Ir-responsabbiltà għall-kontrolli tas-sigurtà fil-livell tal-ħruġ taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE u l-konnessjoni relatata mal-infrastruttura back-end nazzjonali (is-sistema nazzjonali konnessa mal-gateway ċentrali taċ-ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) hija tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz. Il-pajjiżi parteċipanti jridu jikkonformaw mal-leġislażjoni rilevanti dwar iċ-ċibersigurtà u l-protezzjoni tad-*data* — li l-infurzar tagħha huwa f'idejn awtoritajiet nazzjonali speċifiċi — meta jstabbilixxu u joperaw is-sistemi u s-servizzi nazzjonali tagħhom. Il-Kummissjoni sistematikament tirrikjedi li l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi kollha jissottomettu awtovalutazzjoni biex jipprovdu assigurazzjoni addizzjonali li l-pajjiż ikun ikkunsidra b'mod speċifiku riskji partikolari. Kwalunkwe nuqqas ta' konformità ma' kwalunkwe wieħed minn dawn ir-rekwiżiti jipprevjeni l-onboarding fil-qafas taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE.

Kwalunkwe attività frawdolenti relatata maċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE — bħall-ħruġ ta' ċertifikati teknikament validi minn persuni b'aċċess leġittimu għas-sistema mingħajr ma jkun seħħ l-avveniment mediku sottostanti — hija r-riżultat ta' mġiba kriminali punibbli skont il-liġi nazzjonali, u ma tikkostitwixx iċ-ċiberattakki. Jeħtieġ li ssir distinzjoni bejn il-kontrolli tas-sigurtà fil-livell tal-infrastruttura back-end nazzjonali u l-intenzjoni malizzjuża ta' dawk li jħaddmu s-sistemi tal-ħruġ taċ-ċertifikati fil-livell nazzjonali. Is-sistemi back-end nazzjonali ma ġewx kompromessi u l-partijiet mhux awtorizzati ma kellhomx aċċess għall-backends nazzjonali.

Mill-perspettiva taċ-ċibersigurtà, iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE huwa sikur. Ir-riskju ta' persunal awtorizzat li jkollu aċċess legali għas-sistemi ta' ħruġ sabiex joħroġ ċertifikati teknikament validi iżda

¹⁸ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/483 tal-21 ta' Marzu 2022 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1073 li tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi u regoli għall-implimentazzjoni tal-qafas ta' fiduċja għaċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Disponibbli hawnhekk: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32022D0483>

¹⁹ Ara l-paragrafi 51 sa 56, tar-Rapport Speċjali Nru XX/22 tal-QEA.

frawdolenti huwa ġestit mill-awtoritajiet tal-pajjiżi parteċipanti skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom u l-proċeduri ta' kontroll tal-aċċess.

5. Iċ-ċertifikat COVID Diġitali tal-UE bħala standard internazzjonali u faċilitatur tal-ivvjaġġar

L-Istati Membri użaw iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE b'mod estensiv²⁰ u kien effettiv biex jiffaċilita l-ivvjaġġar²¹. Iċ-ċertifikat COVID Diġitali tal-UE ġie adottat ukoll fil-ġin²². Iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE kien element kruċjali fir-rispons tal-Ewropa għall-pandemija tal-COVID-19 u malajr sar standard fl-Ewropa u lil hinn minnha. Dan kellu impatt pożittiv fuq il-moviment liberu fi żmien fejn l-Istati Membri kienu qed jillimitaw l-eżerċizzju tiegħu għal raġunijiet ta' saħħa pubblika.

L-impatt pożittiv tas-sistema taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE jestendi lil hinn mill-fruntieri tal-UE, peress li s-sistema żviluppat fi standard globali msejjes b'mod sod fuq il-valuri tal-UE ta' trasparenza ta' sigurtà u ta' protezzjoni tad-data. Dan huwa evidenzjat mill-interess qawwi ta' pajjiżi terzi li jkunu konnessi mas-sistema taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, l-unika sistema ta' ċertifikati COVID-19 li tiffunzjona fil-livell internazzjonali fuq skala kbira. Dan is-suċċess ikkontribwixxa għat-tkomplija tal-ivvjaġġar internazzjonali f'kondizzjonijiet sikuri u għall-irkupru globali.

Il-Kummissjoni tibqa' impenjata bis-sħiħ favur ritorn mill-aktar fis possibbli għall-moviment liberu mingħajr restrizzjonijiet. Minn Ottubru 2022, l-Istati Membri kollha kienu neħħew ir-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar intra-UE, inkluża l-ħtieġa li jkunu fil-pussess ta' Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE. Filwaqt li ċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE wera l-kapaċità tal-istituzzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri li jwasslu riżultati tanġibbli għall-benefiċċju taċ-ċittadini tal-UE, it-tmiem tiegħu se jkun indikazzjoni li l-pandemija kif ukoll li r-restrizzjonijiet marbuta magħha ngħelbu.

III. IT-TWEGĪBIET TAL-KUMMISSJONI GĦAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET TAL-QEA

1. Rakkomandazzjoni 1 – Indirizzar tar-raġunijiet għall-użu baxx tal-formoli diġitali tal-UE għal-lokalizzazzjoni tal-passiġġieri

(Data mmirata għall-implimentazzjoni: Diċembru 2023)

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u se tikkonsulta lill-Istati Membri permezz tal-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa u tikkollabora mal-ECDC dwar l-implimentazzjoni tagħha.

2. Rakkomandazzjoni 2 – Simplifikazzjoni tal-komunikazzjoni dwar inċidenti marbuta maċ-Ċertifikat diġitali tal-UE

(Data mmirata għall-implimentazzjoni: Ġunju 2023)

²⁰ Ara l-paragrafi 69 sa 70 u l-Figura 4, tar-Rapport Speċjali Nru XX/22 tal-QEA.

²¹ Ara l-paragrafi 72 u 74, Figura 5, Rapport Speċjali Nru XX/22 tal-QEA.

²² Ara l-paragrafi 28 u 35, tar-Rapport Speċjali Nru XX/22 tal-QEA.

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

F'Novembru 2021 ġie stabbilit Kumitat tas-Sigurtà taħt l-awspiċi tan-Netwerk tas-Saħħa elettronika. L-għan tiegħu huwa li janalizza kwalunkwe inċident wara li kwistjoni tkun ġiet ikkontrollata b'mod adegwat biex jiġu diskussi u mxerrda t-tagħlimiet meħuda, u biex jiġi rakkomandat titjib fis-sigurtà. Il-Kumitat mhuwiex l-ewwel linja ta' difiża iżda mekkaniżmu ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti ddedikat biss għaċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE. Għal raġunijiet ta' sigurtà, il-Kumitat ma jistax jintervjeni u jxerred informazzjoni qabel ma l-inċident jiġi ttrattat b'mod xieraq u jiġi kkontrollat b'mod suffiċjenti fil-livell nazzjonali.

Il-Kummissjoni se tanalizza x'passi ulterjuri jistgħu jittieħdu biex tissaħħaħ il-parteċipazzjoni fil-Kumitat kif ukoll biex tissaħħaħ il-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti.

Il-Kummissjoni tqis lil dan il-Kumitat tas-Sigurtà bħala parti integrali u effettiva tal-arkitettura ġenerali tad-disinn taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, u għalhekk se tinkorporah fi kwalunkwe pjan ta' riattivazzjoni li se jiffirma parti mill-istrument deskritt fit-tweġiba għar-Rakkomandazzjoni 3 rigward l-użu mill-ġdid tal-għodod koperti minn dan ir-rapport.

F'dan il-kuntest, bħala parti mill-azzjonijiet tagħha skont ir-Rakkomandazzjoni 3, il-Kummissjoni se tanalizza wkoll kif il-Kumitat tas-Sigurtà u l-mekkaniżmi ta' komunikazzjoni tiegħu jista' jkollhom jiġu adattati u estiżi biex iservu kif xieraq b'mod armonizzat kwalunkwe ħtieġa addizzjonali ta' inċidenti ta' sigurtà assoċjati ma' kriżijiet pandemiċi futuri, lil hinn minn dik tal-COVID-19.

3. Rakkomandazzjoni 3 – Tħejjija tal-għodod rilevanti tal-UE għal kriżijiet futuri

a) Tidentifika dawk l-għodod tal-UE maħluqa matul il-pandemija tal-COVID-19 li kienu l-aktar utli għaċ-ċittadini u l-Istati Membri u tħejji proċeduri biex jiġu riattivati malajr f'każ ta' emerġenzi futuri (Data tal-implimentazzjoni fil-mira: Settembru 2023)

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni 3(a), iżda tinnota li din l-analiżi neċessarjament se tiddependi fuq l-għodda u l-kriżi kkonċernati.

Fil-Komunikazzjoni tagħha dwar pjan ta' kontinġenza għat-trasport²³, il-Kummissjoni nnotat li jekk isseħħ kriżi simili għall-COVID-19, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jibnu fuq l-esperjenza fl-iżvilupp ta' mudell komuni għall-formoli diġitali tal-UE għal-lokalizzazzjoni tal-passiġġieri u pjattaforma għall-kondiviżjoni tad-data tal-passiġġieri għat-traċċar tal-kuntatti transfruntier. L-għodod żviluppatti fil-livell tal-UE għal dak l-għan għandhom jiġu riattivati malajr u faċilment jekk ikun meħtieġ.

Barra minn hekk, fid-19 ta' Settembru 2022, il-Kummissjoni adottat proposta għal Regolament li jstabbilixxi Strument għas-Suq Uniku f'Emerġenza²⁴. Dan l-istrument għandu l-għan li jstabbilixxi mekkaniżmu flessibbli u trasparenti biex jirreaġixxi malajr għal emerġenzi u kriżijiet li jheddu l-funzjonament tas-suq uniku. L-objettiv huwa li jiġu żgurati l-koordinazzjoni, is-solidarjetà u l-koerenza tar-rispons tal-UE għall-kriżijiet u li jiġi protett il-funzjonament tas-suq uniku, filwaqt li jiġi żgurati, b'mod partikolari, il-moviment liberu kontinwu tal-persuni, l-oġġetti u s-servizzi. Ir-

²³ COM(2022) 211 final.

²⁴ COM(2022) 459 final.

Regolament jintitola wkoll lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jistabbilixxu għodod diġitali interoperabbli jew infrastrutturi tal-IT li jappoġġaw dawn l-oġġetti.

Fl-istess ħin, huwa importanti li jiġi enfasizzat li xi wħud mill-għodod tal-UE analizzati, b'mod partikolari ċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, kienu maħsuba speċifikament bħala rispons għall-pandemija tal-COVID-19.

Dawn kienu parzjalment limitati mill-koleġiżlaturi għad-durata stmata tal-pandemija bħala mod kif jiġi ffaċilitat id-dritt tal-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE u tal-membri tal-familja tagħhom matul dan il-perjodu straordinarju. Dan neċessarjament se jkollu impatt fuq jekk huwiex xieraq li jitħejjew proċeduri li jippermettu l-attivazzjoni mill-ġdid tagħhom.

b) Permezz ta' sinerġiji jew simplifikazzjonijiet, tagħmel l-għodod tal-UE użati biex jiffaċilitaw it-traċċar transfruntier tal-kuntatti matul kriżijiet aktar faċli biex jaċċessaw iċ-ċittadini tal-UE (Data tal-implimentazzjoni fil-mira: Settembru 2024)

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni 3 (b). Il-ħidma se titwettaq wara l-konsultazzjoni msemmija fir-Rakkomandazzjoni 1, se teħtieġ l-eżistenza ta' bażi ġuridika xierqa u se tiddependi fuq is-sitwazzjoni epidemjoloġika.

c) Flimkien mal-Istati Membri, tanalizza l-ħtieġa għal kwalunkwe għodda addizzjonali biex jiġu indirizzati kriżijiet futuri potenzjali (data mmirata għall-implimentazzjoni: Settembru 2023)

Il-Kummissjoni taċċetta r-Rakkomandazzjoni 3(c). F'dan il-kuntest, il-proposta għal Regolament li jistabbilixxi Strument għas-Suq Uniku f'Emerġenza hija rilevanti wkoll.